**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat**

**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Rikors Nru.: 264/2017 RM**

**Winex Holdings Limited (C21511)**

**vs**

**Sohze Developments Limited (C66250)**

**Illum, 6 ta' Marzu 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat mis-socjeta' attrici Winex Holdings Limited fil-15 ta' Settembru, 2017 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Sohze Developments Limited thallasha s-somma komplessiva ta' erbatax-il elf, disgha mija u disgha u disghin Ewro u disgha u disghin centezmu (€14,999.99) jew somma verjuri li ghandha tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti, jekk hemm bzonn bl-ghajnuna ta' periti nominandi, rapprezentanti kumpens li ghandu jithallas lis-socjeta' rikorrenti ghal arrikkament indebitu illi ghamlet is-socjeta' intimata a detriment ta' dik rikorrenti, meta ghamlet uzu tal-fond numru 12, Tigne Place, Office 2/5, Triq Tigne' Tas-Sliema, kif ukoll tas-servizzi li tgawdi minnhom fl-istess fond, minghajr ma hallset ebda kumpens ghal tali uzu.

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Frar, 2017 kif ukoll dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mal-prezenti kontra s-socjeta' intimata li minn issa tibqa' ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat ir-Risposta tas-socjeta' konvenuta pprezentata fir-registru taq din il-Qorti nhar it-30 ta' Novembru 2017 fejn eccepiet is-segwenti:-

1. Illi preliminarjament is-socjeta' Sohze Developments Limited mhijiex il-legittiima kontraditrici fil-proceduri odjerni stante li s-socjeta' attrici kellha relazzjoni kuntrattwali mas-socjeta NRR Entertainments Limited.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba tar-rikorrenti Winex Holdings limited, kif formulata hija infondata kemm fil-fatt kemm fid-dtitt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

B'rizerva shiha ghad dritt li ttihedet kwalsiasi azzjoni mehtiega kontra s-socjeta' Winex Holdings Limited.

Rat illi permezz ta' digriet ta' assenjazzjoni moghti mis-S.T.O. il-Prim'Imhallef, din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta b'effett mis-16 ta' Lulju 2018;

Rat illi fl-udjenza tal-15 ta' Jannar 2018 ordnat l-inverzjoni tal-provi in vista tan-natur tal-ewwel eccezzjoni.

Rat il-provi u d-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-16 ta' Jannar 2019 limitatament dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta` konvenuta;

Rat illi giet awtorizzata tghaddi ghas-sentenza fuq l-imsemmija eccezzjoni preliminari tas-socjeta` konvenuta;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum sabiex tinghata din is-sentenza in parte;

Ikkunsidrat;

Din id-decizjoni hija dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta Sohze Developments Limited li permezz taghha eccepiet:-

"*Illi preliminarjament is-socjeta` Sohze Developments Limited mhijiex il-legittima kontradittrici fil-proceduri odjerni stante li s-socjeta` attrici kellha relazzjoni kuntrattwali mas-socjeta` NRR Entertainment Limited*."

Il-Qorti tibda billi tosserva illi b'din il-linja difensjonali tas-socjeta` konvenuta, m'huwiex qed jigi eccepit illi l-ammont pretiz mill-attrici m'hijiex dovuta minnha, izda qed jigi eccepit in-nuqqas ta' legitimazzjoni passiva taghha ghad-domanda attrici. Billi, kif inhuwa risaput l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' legittimazzjoni passiva necessarjament tistrieh fuq il-karenza ta' kull xorta ta' relazzjoni guridika bejn l-attur u l-konvenut li jeccepixxi li mhuwiex il-legittimu kontradittur, l-ezistenza tal-legittimazzjoni passiva ghandha tigi stabbilita b'referenza biss ghall-formulazzjoni tad-domanda attrici kif dedotta in gudizzju, u ghar-rapport bejn is-socjeta` konvenuta u l-fattispecje tal-*causa pretendi* tal-azzjoni proposta mill-attrici, minghajr ma jsir accertament fil-mertu u minghajr ghalhekk, takkolji jew tirrespingi d-domanda attrici. Il-korollarju ta' dan huwa illi l-Qorti f'dan l-istadju ghandha tillimita ruhha biex tistabbilixxi jekk is-socjeta` konvenuta tistax tkun is-soggett ta' pronunzjament gudizzjarju fil-parametri tad-domanda attrici, u m'hi sejra taghmel ebda accertament dwar min huwa fir-realta` is-soggett passiv tal-pretensjoni azzjonata.

La Corte di Cassazione tal-Italja f'decizjoni taghha tas-26 ta' Settembru 2006 (no. 20819), fissret hekk id-distinzjoni li trid issir biex id-decizjoni dwar il-legittimazzjoni attiva jew passiva ma tirrizolvix ruhha fi pronunzjament dwar il-mertu tal-vertenza:-

"*... il legitimazione ad causam consiste nella titolarità del potere e del dovere - rispettivamente per la legittimazione attiva e per quella passiva - di promuovere o subire un giudizio in ordine al rapporto sostanziale dedotto in causa, secondo la prospettazione offerta dall'attore e indipendentemente dalla effettiva titolarità, dal lato attivo o passivo, del rapporto stesso. ... ... ... Quando, invece le parti controvertono sulla effettiva titolarità, in capo al convenuto, della situazione dedotta in giudizio, ossia sull'accertamento di una situazione di fatto favorevole all'accoglimento o al rigetto della domanda attrice, la relativa questione non attiene, alla "legitimatio ad causam", ma al merito della controversia ...*"

Applikati l-konsiderazzjonijiet appena maghmula ghall-fattispecje tal-kaz odjern, il-mira tal-indagni li trid taghmel din il-Qorti f'dan l-istadju preliminari biex tistabbilixxi jekk il-kumpannija konvenuta hijiex il-legittima kontradittrici ghad-domanda attrici, m'hijiex biex tiddetermina jekk is-somma mitluba hijiex dovuta minn Sohze Limited o meno, jew mill-imsemmija socjeta` NRR Entertainment Limited, izda biex jigi stabbilit jekk is-socjeta` attrici setghetx tippromwovi l-azzjoni odjerna fil-konfront tas-socjeta` konvenuta.

Kif intqal in propositu mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-15 ta' Novembru 2006:-

*"... ghandu jigi osservat illi ghal fini tal-valutazzjoni tal-legittimazzjoni tal-kontradittorju wiehed ghandu necessarjament u guridikament jiehu rigward ghall-prospettazzjoni ta' l-attur bl-azzjoni minnu intentata u mhux ghall-ezitu tal-kontroversja. Fi kliem iehor, jekk il-konvenut huwiex ukoll il-legittimu kontradittur jiddependi mill-accertament maghmul fuq il-bazi tad-domanda proposta, jigifieri, mir-rizultat persegwit mill-attur fil-gudizzju*"[1]

[1] **Karmenu Mifsud vs Mariano D'Amato** – deciza mill-Qorti tal-Appell (Inf) fil-15 ta' Novembru 2006.

Ikkunsidrat;

Illi ghalhekk, il-Qorti lanqas sejra tidhol fil-kwistjoni dwar jekk din is-socjeta` Sohze Developments Limited kienetx verament tokkupa jew tuza l-fond tal-attrici, ghaliex din tifforma l-mertu tad-domanda attrici. Sejra minflok tqis jekk jezistix rapport guridiku bejn iz-zewg kontendenti, tenut kont ukoll illi s-socjeta` konvenuta teccepixxi li l-attrici kellha relazzjoni kontrattwali mas-socjeta` NRR Entertainment Limited, u dan billi tivverifika *prima facie* jekk l-istess konvenuta kellhiex parti materjali fin-negozju li, skont is-socjeta` attrici, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni minnha proposta fir-rikors promotur. Huwa biss jekk jigi stabbilit dan in-ness guridiku illi s-socjeta` konvenuta tista' tigi kkundannata twiegeb ghad-domanda attrici u jekk, naturalment, fil-mertu jinstab ukoll illi l-eccezzjonijiet taghha huma bla siwi u illi hija l-persuna responsabbli biex twiegeb ghat-talbiet attrici.[2]

Konformement, il-Qorti sejra tezamina l-atti processwali sabiex tivverifika jekk mill-fatti rizultanti, jistax jigi stabbilit ness guridiku bejn il-kontendenti. Il-fatti fil-qosor kif jirrizultaw mill-atti processwali huma kif gej.

- M'hemmx kontestazzjoni illi s-socjeta` attrici Winex Holdings Limited kienet tikri ufficcini u *car spaces* lis-socjeta` NRR Entertainment Limited, fil-kumpless maghruf bhala Tigne Place, gewwa Tigne Street, Tas-Sliema, u dan permezz ta' ftehim formali ta' kiri. Meta din il-kirja skadiet fil-31 ta' Jannar 2014, intlahaq ftehim illi NRR Entertainment Limited tibqa' tuza l-fond tas-socjeta` attrici ghal perijodu ta' tliet snin ohra, izda hemm qbil li baqa' ma giex iffirmat kuntratt gdid ta' kiri.

- F'dan il-perijodu, jirrizulta illi s-socjeta` konvenuta Sohze Developments Limited li tipprovdi servizzi finanzjarji lil kumpanniji ohrajn u li kienet

[2] Ara fir-rigward: **Frankie Refalo nomine vs Jason Azzopardi et** – deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001.

effettivament inkarigata minn NRR Entertainment Limited biex tiehu hsieb il-finanzi taghha, kienet qieghda wkoll thallas hija stess lis-socjeta` attrici l-ammont dovuti fuq l-*invoices* li kienu jintbaghtu lil NRR Entertainment Limited ghall-kera u spejjez ohra konnessi mal-uzu tal-fond mill-istess NRR Entertainment Limited. Dan gie spjegat minn Igor Samardziski[3], direttur kemm tas-socjeta` NRR Entertainment Limited kif ukoll tas-socjeta` konvenuta Sohze Developments Limited, u jirrizulta wkoll mid-dokumenti esebiti fl-atti[4] li juru li effettivament, il-hlas ta' dawn l-ammonti li kien isir mill-istess socjeta` konvenuta permezz ta' trasferiment fil-kont bankarju tas-socjeta` attrici. Dwar dan m'hemmx kontestazzjoni.

- Huwa wkoll indiskuss illi ghall-habta ta' Novembru 2014[5], l-imsemmi Igor Samardziski talab lis-socjeta` attrici sabiex tibda tohrog l-*invoices* ghall-kera u spejjez dovuti ghall-uzu tal-fond in kwistjoni minn NRR Entertainment Limited, direttament f'isem is-socjeta` konvenuta Sohze Developments. Anthony Parlato Trigona, rapprezentant tas-socjeta` attrici, ikkonferma li sar dan l-arrangament u xehed ukoll illi s-socjeta` attrici bdiet tohrog l-*invoices* direttament lil Sohze Entertainment Limited kif mitlub minn Igor Samardziski, u illi l-istess socjeta` konvenuta baqghet thallas hija stess l-ammonti dovuti ghall-uzu tal-fond.

Ikkunsidrat;

Hawnhekk, fl-istadju tad-determinazzjoni tal-eccezzjoni preliminari dwar il-legitimazzjoni passiva o meno tas-socjeta` konvenuta, irid jigi determinat jekk minn dawn il-fatti fuq elenkati, u entro l-parametri tat-talbiet attrici (li huma fondati fil-pretensjoni li s-socjeta` konvenuta okkupat jew uzat il-fond tal-attrici), is-socjeta` konvenuta tistax tkun is-soggett passiv tad-domanda attrici. Biex jigi ritenut li ma hemmx legittimazzjoni passiva, irid necessarjament

[3] Xhieda 7 ta' Marzu 2018.
[4] Esebiti mal-Affidavit ta' Anthony Parlato Trigona a fol. 87 *et seq*.
[5] Vide email esebit Dok. CSH2 a fol. 25.

jintwera illi s-socjeta` konvenuta ma ghandha ebda rabta guridika kwalsiasi mal-fond tas-socjeta` attrici.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Pauline MacDonald vs Medistar Healthcare Services Limited et**[6], il-Qorti qalet hekk:

*"Il-kriterji li jirrendu parti f'kawza bhala legittimu kontradittur jirrizultaw ben cari mill-gurisprudenza:*

***Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited*** *deciza fid-9 t'April 2008 mill-Qorti tal-Appell:*

*"In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika.*

*Fil-kaz fl-ismijiet* ***Edgar Urpani pro et noe vs Continental Meat Co. Ltd*** *deciz fit-23 t'Ottubru 2009 intqal hekk:*

*"Huwa ben risaput illi, u apparti mill-operat tal-ligi, il-kostituzzjoni in gudizzju ta' parti mharrka tinsel minn qaghda ta' rapport guridiku precedenti, sija kontrattwali, extra-kontrattwali, delittwuz jew akwiljan. Ara Artikolu 959 Kodici Civili. Dan necessarjament ifisser illi l-azzjoni proposta jrid ikollha bejn il-partijiet konnessjoni ma' l-oggett jew it-titolu tal-kawza."* [7]

Wara li rat l-atti, il-Qorti fehmet illi meta fuq struzzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, l-*invoices* ghall-hlas tal-kumpens u spejjez konnessi mal-uzu tal-fond in kwistjoni, bdew jigu intestati direttament f'isimha, u ghamlet ukoll zmien thallas hija stess dawn l-*invoices* lis-socjeta` attrici, inholoq rapport innegabbli bejn is-socjeta` attrici u dik konvenuta. Ma jirrizultax sodisfacjentement mill-atti processwali disponibbli s'issa, illi r-rapport ta'

[6] Deciza fit-28 ta' Settembru 2016 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili.
[7] Ilkoll citati mill-Qorti tal-Appell (Inf.) fis-sentenza fl-ismijiet **MM Workshop Limited vs Dipartiment tal-Protezzjoni Civili et**, deciza fis-16 ta' Gunju 2017.

Sohze Developments Limited mas-socjeta` attrici kienet purament f'kapacita` rapprezentattiva ta' NRR Entertainment Limited, u l-fatt wahdu li s-socjeta` konvenuta kienet talbet li l-*invoices* jinhargu f'isimha minflok f'isem NRR Entertainment Limited huwa bizzejjed biex isawwar relazzjoni guridika bejn iz-zewg partijiet, u dan irrispettivament minn kull kwistjoni ohra marbuta intrinsikalment mal-mertu tal-azzjoni attrici. Wara kollox, jigi osservat illi ma hemm ebda indikazzjoni kwalsiasi, la fuq l-*invoices* mahrugin mis-socjeta` attrici f'isem Sohze Developments Limited, u lanqas fuq ir-records tal-pagamenti relattivi li kienu jsiru mill-istess socjeta` konvenuta, illi Sohze Developments Limited kienet qed tagixxi, fir-relazzjoni taghha ma' Winex Holdings Limited, ghan-nom ta' NRR Entertainment Limited u kwindi f'kapacita` rapprezentattiva.

Fid-dawl tas-suespost il-Qorti hija tal-fehma, u l-provi li tressqu dwar din l-eccezzjoni juru, illi s-socjeta` konvenuta b'dan l-atteggjament taghha tat x'tifhem, almenu *prima facie*, illi kellha x'taqsam ma' dan il-fond jew altrimenti li kienet assumiet ir-responsabbilita` ghall-hlas tieghu. B'hekk, l-involviment dirett taghha fir-rapport guridiku mal-fond tas-socjeta` attrici ma jistax jigi eskluz, u avolja hi setghet ma okkupatx fizikament il-fond attrici, l-agir taghha ghandu jigi mistharreg ghall-finijiet tar-responsabbilita` tal-hlas tal-kumpens ghall-okkupazzjoni u uzu tal-istess fond, kif intalab mis-socjeta` attrici fir-rikors promotur[8]. Dan inissel relazzjoni guridika bejn is-socjeta` attrici u dik konvenuta u ghalhekk l-attrici hija ghandha dritt iddur fuq is-socjeta` konvenuta b'talba ghall-hlas. Is-socjeta` konvenuta hija ghalhekk legittimu kontradittrici f'dawn il-proceduri.

Issa jekk dan l-agir tas-socjeta` konvenuta huwiex bizzejjed biex hi titqies bhala finalment responsabbli ghall-hlas fil-parametri tat-talba attrici kif imfassla fir-rikors promotur, hija kwistjoni ohra. Kif diga` nghad, il-kwistjoni dwar min

[8] Ara fir-rigward: Peter Paul Muscat et vs Peter Muscat Scerri et – Appell Civili deciz 26 ta' Gunju 2009.

kien effettivament jokkupa l-fond u jibbenefika mis-servizzi li l-hlas taghhom qed jintalab f'dawn il-proceduri, hija wahda marbuta prettament mat-talba fil-mertu tal-azzjoni attrici, liema azzjoni kif imfassla hija wahda *in subsiduum* ta' arrikkiment indebitu li tippresupponi n-nuqqas ta' relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet. Konsegwentement, jekk kienetx is-socjeta` konvenuta li arrekkitx ruhha a skapitu tas-socjeta` attrici u jekk ghandhiex tkun hi li tigi kkundannata thallas il-kumpens mitlub mis-socjeta` attrici, huma kwistjonijiet li ghandhom jigu epurati u decizi fl-istadju opportun tal-proceduri.

Il-Qorti trid taghmilha cara illi d-dikjarazjzoni taghha li s-socjeta` konvenuta, f'dan il-kaz, hija legittimu kontradittrici tal-azzjoni attrici ma tfisser bl-ebda mod li l-Qorti ma tistax, fil-konsiderazzjoni ta' l-eccezzjonijiet fil-mertu, tasal ghall-konkluzzjoni li l-istess socjeta` konvenuta hija estranea ghall-obbligi invokati mis-socjeta` attrici fl-azzjoni minnha proposta. Ghalhekk, kull aspett relattiv ghall-mertu tal-pretensjoni attrici, kien u ghadu impregudikat biex jigi epurat fit-trattazzjoni tal-kawza, kif del resto ghadhom impregudikati l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-istess socjeta` konvenuta.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tiddikjara li s-socjeta` konvenuta Sohze Developments Limited hija legittima kontradittrici ghall-azzjoni attrici, tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta bl-ispejjez kontra taghha u tordna l-prosegwiment tal-kawza fil-mertu.

**Dr. Rachel Montebello**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**